# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Erbgha 14 ta' Gunju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Carmelo Magri)**

**vs.**

**Keith Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Keith Pace 27 sena bin Lawrence u Emanuela nee' Vella mwieled fil-Pieta' fl-10 ta' Lulju, 1980 u li fil-present residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 327480M.

1. Billi akkuzat talli fit-28 ta' Gunju, 2003, f'xi hin matul il-gurnata mill-mahzen ta' l-Enemalta maghruf bhala ta' l-emergenza li huwa sitwat fil-Marsa limiti tal-Qwabar, ikkommetta serq ta' diversi ghodda u oggetti ohra ghad-dannu ta' l-Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-lok.

2. Fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' l-istess Enemalta liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda ma tiskorrix il-mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).
3. Fl-istess data u cirkostanzi, u fil-granet ta' wara din id-data, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.
4. Fl-istess data u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqu b'sentenza moghtija fis-7 ta' Jannar, 2003 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dott. Antonio Mizzi LL.D.
5. Finalment talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50, u 289(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 1 ta' Dicembru, 2008,[1] fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 267, 269(d), 278(3), 279(b), 280(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikoli 94(1) u 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 9 u 10 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-3 ta' Gunju, 2009,[2] l-imputat Keith Pace iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

[1] A fol. 80 tal-process.
[2] Ara fol. 75 tal-process.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet.

Wara li l-kawza giet differita ghas-sentenza, fuq talba tad-difiza, il-Qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u semghet provi limitatament dwar il-piena.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-avukat difensur tal-imputat limitatament dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kriminali huma s-segwenti:

1. Fit-28 ta' Gunju 2003, il-Pulizija gew infurmati minn Lawrence Zammit bhala Principal Officer tal-Korporazzjoni Enemalta illi kien ghadu kemm gie infurmat mill-haddiema tieghu li xi persuna/i mhux maghrufa kienu sgassaw u dahlu fl-Enemalta Emergency Stores, fil-Marsa.
2. Il-hallelin kienu sgassaw jew fethu il-lockers tal-haddiema tal-Korporazzjoni f'dawn l-istores u serqu minnhom ghodda tal-Korporazzjoni, li l-haddiema kienu jzommu fihom. Kull haddiem kellu l-ghodda tieghu, pero l-ghodda hi proprjeta tal-EneMalta.[3]
3. Saret inkjesta magisterjali, izda mill-provi migbura sal-istadju li fih inghalqet l-inkjesta, ma giet indizzjata l-ebda persuna/i li setghu ikkommettew dan ir-reat.
4. Fl-2008, il-Pulizija irciviet informazzjoni kunfidenzjali li l-imputat kien involut f'din is-serqa. Ghalhekk, l-Avukat Generali rrinvija l-atti lill-Magistrat Inkwerenti sabiex din, fuq talba tal-Kummissarju tal-Pulizija, tahtar espertu u tawtorizzah jiehu l-marki tas-swaba tal-imputat u tinnomina espert iehor sabiex jikkompara dawn il-marki tas-swaba ma' dawk li nstabu fuq ix-xena tad-delitt.
5. Il-Magistrat Inwerenti innominat ghal dan l-iskop lill-espert Joseph Mallia.
6. L-espert Joseph Mallia ikkonkluda r-relazzjoni tieghu *inter alia* bil-mod segwenti:
   *" (f) Illi it-tielet (3) impronta li giet zviluppata permezz tal-black powder u elevata permezz ta' lifting tape fuq acetate sheet trasparenti u li tidher fil-lifter dokument 03*

[3] Ara xhieda ta' Lawrence Zammit quddiem l-espert AIC Perit Richard Aquilina.

*BQF 308, giet komparata u rrizulta illi l-istess impronti hija identika mal-marka tas-saba' l-werrej tal-id ix-xellugija ta' Keith Pace ... ...*

*(g)Illi t-tieni (2) impronta giet zviluppata permezz tal-black powder u elevata permezz ta' lifting tape fuq acetate sheet trasparenti u li tidher fil-lifter dokument 03 BQF 308, giet ikkomparata u rrizulta illi l-istess impronti hija identika mal-marka tas-saba' tan-nofs tal-id ix-xellugija ta' Keith Pace ... ...*

*(h)Illi l-ewwel (1) impronta li giet zviluppata permezz tal-black powder u elevata permezz ta' lifting tape fuq acetate sheet trasparenti u li tidher fil-lifter dokument 03 BQF 308, giet ikkomparata u rrizulta li l-istess impronti hija identika mal-marka tas-saba' tac-curkett tal-id ix-xellugija ta' Keith Pace ... ..."*

(7) In vista ta' dawn ir-rizultanzi tal-espert Joseph Mallia, il-Magistrat Inkwerenti ordnat li l-imputat jigi akkuzat bis-serq fuq imsemmi u konsegwentement gew istitwiti dawn il-proceduri kriminali kontrih.

Il-Qorti sejra tikkonsidra jekk il-Prosekuzzjoni irnexxiliex tipprova r-reati kontemplati fl-artikoli elenkati fin-nota ta' rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali.

*Ir-reati kontemplati fl-artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 267, 269(d), 278(3), 279(b), 280(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

L-unika prova tal-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri ghall-fini tal-imputazzjoni tar-reat ta' serq aggravat, huma l-impronti digitali tal-imputat li nstabu fl-istores in kwistjoni.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat jissottometti li ma saritx il-prova ta' minn liema parti tal-istores gew elevati dawn il-lifters li maghhom sar il-paragun mal-impronti digitali tal-imputat. Pero fir-relazzjoni tas-Scene of Crime Officers PS 46 Charlot Casha u PC 1147 Antoine Fenech, hemm indikat liema huma r-ritratti minn fejn gew elevati l-lifters kollha – kemm dawk li qablu mal-impronti digitali tal-imputat u kemm ohrajn li ma qablux jew ma kienux tajbin ghal fini ta' komparazzjoni. Dawn ir-ritratti minn fejn gew elevati l-lifters huma kollha tal-lockers tal-haddiema, li minnhom insterqet l-ghodda.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Noel Frendo** deciza fit-30 ta' Dicembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[4] irriteniet hekk:

*"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – "circumstantial evidence" – li kif qal Lord Salmon fil-kaz* ***DPP v. Kilbourne*** *(1973) AC 729, p. 758 "works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta, tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tapprtjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat. Hekk, per ezempju, impronta misjuba f'bank fil-parti fejn il-pubbliku ghandu access u meta jirrizulta li l-imputat kien jiffrekwenta dak il-bank, ftit li xejn tista' sservi ta' prova kontra dak l-imputat jekk huwa jigi akkuzat b'serq minn dak il-bank. L-istess ma jistax jinghad, pero, jekk l-impronta tinstab fuq il-bieb tal-istrongroom tal-bank  fejn l-impjegati tal-bank biss jistghu jidhlu u meta l-imputat ma hux tali impjegat u ma jirrizultax li qatt kellu ghalfejn jersaq lejn dak il-bieb."*

Din is-sentenza ta' **Noel Frendo** titratta impronti digitali misjuba fuq oggetti mobbli zghar misruqa minn hanut. Kien hemm zewg impronti fuq kaxxi tal-Parker u impronta fuq pakkett tat-tabakk tal-pipa. Il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat hekk: *"Dawn instabu fuq oggetti li kienu jew spustjati minn posthom u mqeghda f'kaxxa tal-kartun quddiem il-counter tal-hanut, presumibilment lesti biex jittiehdu 'l barra mill-hanut minn min poggihom f'dik il-kaxxa ... ... Dawn kjarament gew spustati mill-halliel jew hallelin, u kienu jikkonsistu f'oggetti, li skond l-istqarrija tal-appellant lill-pulizija, huwa ma kellu ebda interess fihom. Wahedhom dawn l-impronti kienu tali li setghu, legalment u ragjonevolment, inisslu fil-gudikant il-konvinciment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk spustjathom, u dan evidentement bil-hsieb li jingarru flimkien ma l-oggetti l-ohra li kienu effettivament ingarru. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni, imqar fuq bazi ta' probabbilita, ta' kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiccaw fuq l-oggetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel qorti ftit li xejn kellha triq ohra ghajr li ssib lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni."*

[4] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

Fl-istess sens, hu l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[5] fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Buttigieg**, deciza fis-17 ta' Settembru 2008. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkwotat b'approvazzjoni s-segwenti awturi Inglizi:
*"**Blackstones** - "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) pagna 2311 – 2312) jghid testwalment hekk:*
*"Properly presented fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but, in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82)."*

*Illi l-**ARCHBOLD** "Criminal Pleading, Evidence and Practice" (2001 edit.) (pagna 1348) jghid:*
*"A person may be identified by fingerprints alone." : **R. v. Castleton**, 3 Cr. App. R 74 CCA".*

Fis-sentenza ta' **Buttigieg**, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet tghid illi *"Prova indizzjarja wahda, jekk tkun univoka w ma taghti lok ghall-ebda spjegazzjoni ohra ghajr dik tal-htija tal-akkuzat, tista' tkun bizzejjed biex fuqha biss tinstab dik il-htija. ... ...*

*Fil-process kriminali, fil-waqt li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, d-difiza bizzejjed li, b'xi prova li taghmel, tilhaq il-grad tal-probabbli jew dik ta' x'aktarx iva milli le ikun gara kif qed jintqal f'dik il-prova. L-istess, id-difiza, anki fl-assenza ta' provi minn naha taghha, tista' taghmel sottomissjonijiet u tipprospetta tezijiet difensjonali li jistghu iwasslu biex jiskagonaw lill-akkuzat. Anki hawn, bizzejjed li dawk is-sottomissjonijiet jilhqu l-grad tal-probabbli.*

*Il-grad tal-possibbli la hu utili ghall-prosekuzzjoni u lanqas ghad-difiza."*

Issa fil-kaz odjern, ghalkemm l-imputat ma kien obbligat li jipprova xejn u fil-fatt – kif kellu dritt – ma xehedx biex jispjega kif tlett iswaba tieghu hallew l-impronti digitali taghhom fuq il-lockers fl-Emergency Stores tal-Enemalta. Lanqas ma ressaq xi spjegazzjoni plawsibbli, tramite s-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tieghu, biex jikkonvinci lil din il-Qorti sal-grad

[5] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

tal-probabbli li dawk l-impronti saru minnu innocentement. Id-difiza ghamlet zewg sottomissjonijiet fir-rigward. L-ewwel wahda hi li ma ngabitx prova ta' meta l-imputat halla l-impronti digitali tieghu fl-istores – hux fil-gurnata li fiha saret is-serqa jew qabel. Kien jispetta lid-difiza li ggib prova li l-imputat ghal xi raguni kien dahal fl-istores qabel il-gurnata tas-serqa. Pero id-difiza ma gabet l-ebda prova li l-imputat effettivament kien dahal qabel fl-istores. It-tieni sottomissjoni li ghamel l-abbli avukat difensur fit-trattazzjoni orali hi li hu jemmen li l-imputat kien gie indott bil-qerq biex jidhol f'dan il-post minn min ta' l-informazzjoni lill-Pulizija li l-imputat kien involut f'din is-serqa. Bir-rispett dovut, din hi verament allegazzjoni gratwita minghajr l-icken prova li tista' issostniha. Certament li l-ebda wahda miz-zewg sottomissjonijiet ma giet ippruvata sal-grad tal-probabbli.

Mill-provi ma rrizultax li l-imputat huwa jew kien impjegat mal-Korporazzjoni Enemalta, jew b'xi mod ghandu konnessjoni maghha. Ma hemm l-ebda raguni plawsibbli u probabbli taht il-kappa tax-xemx ghala l-marki tas-swaba tieghu kellhom jinstabu fuq lockers tal-haddiema li kienu jinsabu msakkra fl-Emergency Stores tal-Korporazzjoni, liema fond gie sgassat biex gew misruqa l-ghodda tal-haddiema f'dawn il-lockers. Dawn l-istores kienu jintuzaw biss biex il-haddiema li jkunu bix-xhift jidhlu jiehdu l-ghodda u meta jispiccaw ix-shift jiddepositaw lura l-ghodda. Barra minn dawn il-hinijiet l-istore kien ikun maghluq u ma jkun hemm hadd gewwa.[6] Konsegwentement, il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-imputat ma hallix l-marka tas-swaba tieghu fuq il-lockers b'mod innocenti jew b'kumbinazzjoni.

Konsegwentement, il-Qorti issib lill-imputat hati tas-serq aggravat bil-mezz u bil-lok.

Rigward l-aggravvju tal-valur, fl-ewwel xhieda tieghu quddiem din il-Qorti Lawrence Zammit xehed li hu kellem lill-foreman biex jghid lill-haddiema li kienu jahdmu fl-istores x'insteraq mil-locker taghhom, u ezebixxa lista tal-ghodda li skond il-haddiem insterqet mil-locker tieghu flimkien mal-prezz ta' kull oggett li nsteraq. L-ispiza komplessiva kienet ta' €6814.70.[7] It-tieni darba li xehed quddiem din il-Qorti, Lawrence Zammit ezebixxa dokument fejn l-ispiza totali hija indikata li hi €8,412.60.[8] Pero, jekk wiehed jara d-dokumenti li Zammit ezebixxa biex jissostanzja din is-somma, jinduna li huma identici ghal

---

[6] Ara xhieda ta' Lawrence Zammit quddiem l-espert l-AIC Perit Richard Aquilina.
[7] Ara xhieda ta' Lawrence Zammit a fol. 49 tal-process.
[8] Ara Dok LZ1 a fol. 108 *et seq.* tal-process.

dawk li ezebixxa fl-ewwel xhieda tieghu, hlief li fuq quddiem hemm mizjuda hekk imsejjha "Invoice" mahruga mill-Korporazzjoni Enemalta lill-imputat, ghall-hlas tas-serqa in kwistjoni. Skond din l-invoice, hemm indikat bhala *material* l-ammont ta' €6814.70, *labour* €371.25, dawn l-ammonti gew mghaddin flimkien u jammontaw ghal €7,185.95. Fuq dan l-ahhar ammont gie mizjud il-VAT fit-total ta' €1,226.65, biex it-total sar €8,412.80.

Ovvjament din l-"invoice" tal-Korporazzjoni hija totalment zbaljata. L-ammont ta' €6814.70 jaqbel mat-total tal-prezz tal-ghodda li l-Korporazzjoni sabet nieqsa mil-lockers, u jaqbel mal-ewwel xhieda ta' Zammit. L-addizzjoni tal-*labour* u wisq inqas tal-VAT ma jistghax jittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti ghal fini ta' valur. Fl-ewwel il-prezzijiet indikati mill-Korporazzjoni huma prezunti li jinkludu l-VAT, u ma tistghax tintalab VAT fuq VAT. Rigward il-valur tal-*labour*, dan jista' jkun relevanti ghal fini tar-reat tad-danni volontarji imma mhux ghal fini tal-valur tas-serq.

Ghalhekk, fil-verita skond il-Korporazzjoni, l-valur ta' ghodda misruq baqa' dejjem l-istess wiehed – dak ta' €6814.70.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat issottometta li l-aggravvju tal-valur ma giex ppruvat ghaliex Zammit xehed li l-prezzijiet tal-ghodda misruqa hadimhom id-dipartiment tal-accounts, u ghalhekk issottometta li ma ngabietx prova li l-Korporazzjoni kienet xtrat dawn l-ghodda, u lanqas prova jekk il-prezz indikat hux dak ta' meta saret is-serqa jew ta'meta nxtara, jew ta' meta tela' jixhed Zammit. In oltre, huwa jissottometti li fi kwalunkwe kaz id-dokument huwa sfilzabbli ghax ibbazat fuq dak li qalu l-haddiema lill-Korporazzjoni dwar x'insterqilhom, u l-haddiema ma telghux jixhdu in persona f'dawn il-proceduri.

Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni ghamlet il-prova taghha sal-grad rikjest fil-kamp kriminali tal-valur tal-oggetti misruqa, billi tellghet rapprezentant tal-Korporazzjoni biex jixhed u jaghti rendikont ta' dak li mill-istharrig tal-Korporazzjoni u l-komputazzjonijiet taghha, huwa l-valur tal-oggetti misruqa lilha. Certament ma kienx hemm il-htiega li kull haddiem jitla biex jikkonferma bil-gurament dak li sab nieqes fil-locker tieghu, u jitilghu l-accountant li hadem il-prezzijiet, biex jezebixxi kull invoice ta' kull oggett li nsteraq. Jekk id-difiza riedet taghmel xi mistoqsijiet lill-haddiema jew lill-accountant, missha talbet lill-Prosekuzzjoni tharrikhom fl-istadju tal-istruttorja, jew fl-istadju tal-provi

tad-difiza. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, l-Prosekuzzjoni ippruvat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali l-aggravju tal-valur tas-serq li jeccedi is-somma ta' €2329.37.

Fid-dawl tas-suespost, ir-reati kontemplati fl-artikoli fuq imsemmija relatati mas-serq aggravat gew debitament ippruvati.

*Ir-Reat kontemplat fl-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Apparti li dan ir-reat ma gie bl-ebda mod ippruvat, fit-trattazzjoni orali l-Prosekuzzjoni qablet mad-difiza li din l-imputazzjoni kienet alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni ta' serq aggravat.

Konsegwentement, l-imputat se jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

*Ir-Reat kontemplat fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Dan l-artikolu fiz-zmien li fih saret is-serqa kien jikkontempla ir-reat ta' hsara volontarja li ma tkunx teccedi Lm50.00, izda tkun teccedi Lm10.00.

Fir-rapport tieghu, l-espert l-AIC Perit Richard Aquilina jghid hekk *"Il-Lockers kienu tal-metall u disa' minnhom kellhom hsara fil-bieba, tant li dawn il-bibien ghandhom jinbidlu. Dawn id-disa' bibien jiswew circa Lm72."*

Pero mix-xhieda ta' Lawrence Zammit jidher li l-Korporazzjoni ma bidlietx dawn il-bibien, imma semplicement bidlet il-knataz imkissrin u l-lock tal-bieb ta' barra tal-istores. Imma dawn l-ispejjez ma gewx kwantifikati.[9]

Pero, anke jekk il-Korporazzjoni ghazlet li ma tbiddilx il-bibien minkejja l-hsara li saritilhom, jibqa' l-fatt li l-hsara saret, apparti l-ispejjez tal-lock u l-katnazzi, u ghalhekk dan ir-reat gie ukoll debitament ippruvat.

---

[9] Ara xhieda ta' Lawrence Zammit a fol. 49 tal-process.

*Ir-Reati kontemplati fl-artikoli 94(1) u 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

L-Artikolu 94(1) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat ta' offiza fuq il-persuna ta' mhallef, Avukat Generali, magistrat jew gurat.

L-Artikolu 95(1) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat ta' ingurji u theddid kontra ufficjali pubblici ohra jew offizi fuq il-persuna taghhom.

Ma saret l-ebda allegazzjoni mill-Prosekuzzjoni u wisq inqas ingabet xi prova li l-imputat ikkommetta xi wiehed minn dawn ir-reati.

Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat ukoll minn dawn l-imputazzjonijiet.

*Ir-Reati kontemplati fl-artikoli 9 u 10 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Kapitolu 152 kien jirregola l-ghoti tal-liberta kondizzjonata u l-ordnijiet ta' Probation qabel xi sostitwit bil-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat hu akkuzat ukoll li kiser l-kundizzjonijiet tal-ordni ta' liberta kondizzjonata taht l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152, li gew imposti fuqu b'sentenza moghtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-7 ta' Jannar 2003. Wahda mill-kundizzjonijiet tal-liberta kondizzjonata kienet li l-imputat ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena minn dak in-nhar tas-sentenza. Issa l-imputat ikkommetta s-serqa in kwistjoni fit-28 ta' Gunju 2003, u cioe inqas minn sena mid-data li fiha inghata l-ordni tal-liberta kondizzjonata.

L-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 kien jippreskrivi hekk:
*"(1) Jekk persuna li fil-kaz taghha jkun maghmul ordni ta' probation jew ordni ghall-liberazzjoni taht kondizzjoni, tigi l-quddiem misjuba hatja minn jew quddiem xi qorti ta' reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni taht kondizzjoni, il-qorti –*

(a) *jekk tkun l-istess qorti li tkun ghamlet l-ordni ta' probation jew l-ordni ghal liberazzjoni taht kondizzjoni, tista' tittratta ma' dik il-persuna ghar-reat li ghalih l-ordni gie maghmul b'kull mod li bih kienet tkun tista' tittratta maghha li kieku ghadha kif giet dikjarata hatja minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat;"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghalkemm l-imputat kiser il-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sena mid-data tas-sentenza li imponiet l-ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-Qorti ghandha diffikulta li tittratta mal-imputat ghar-reat li tieghu instab hati b'dik is-sentenza. L-imputat kien instab hati talli *"b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda: kellu fil-pussess tieghu u mexxa biljetti ta' flus falsifikati, u cioe liri maltin li kien jaf, jew li ma kienx jaf, li kienu ffalsifikati",* bi ksur tal-Artikolu 45 (illum abrogat) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.[10] Stranament, ghalkemm kif inghad, il-Qorti minflok piena karcerarja, poggietu taht ordni ta' liberta kondizzjonata, pero il-Qorti kompliet tghid hekk: *"In oltre, tikkundannah li jhallas multa ta' mitt lira Maltin (Lm100)."*

Ghalhekk, jidher li l-imputat diga inghata piena ghar-reat li tieghu instab hati bis-sentenza tas-7 ta' Jannar 2003, u skond l-Artikolu 4(1) tas-Seba' Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitolu 319), hadd ma jista' jigi kkastigat darbtejn ghal reat kriminali li tieghu ikun instab hati.

Ghaldaqstant, il-Qorti ser tastjeni milli tittratta mal-imputat ghal ksur tal-ordni tal-liberta kondizzjonata.

*Ir-Reati kontemplati fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Dawn l-artikoli jikkontemplaw ir-recidiva u fil-kaz ta' l-Artikolu 289, ir-recidiva ta' serq. Ir-recidiva giet ampjament ippruvata bis-sentenzi ezebiti mill-Prosekuzzjoni, apparti li giet ukoll ammessa mill-abbli avukat difensur tal-imputat waqt it-trattazzjoni orali.

---

[10] Ara sentenza ezebita a fol. 65 tal-process.

## Konsiderazzjoni dwar Piena

Il-fedina penali aggiornata tal-imputat hija wahda raffrettarja. Huwa ghandu madwar tletin kundanna minn dawn il-Qrati, il-maggoranza ta' serq, pero kundanni ghal ksur tal-ligijiet ta' sewqan, theddid lill-ufficjali tal-Pulizija u ragionfattasi. Huwa inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jitbieghed mit-triq tal-kriminalita, imma eventwalment kien jerga' jaqa' u kemm-il darba gie kkundannat ghal pieni ta' prigunerija.

Fil-mori ta' dawn il-proceduri, din il-Qorti qieghdet lill-imputat taht ordni provizorja ta' supervizjoni u kien beda miexi fit-triq it-tajba, kif juru n-noti tal-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler, tant li spicca b'success is-sentenzi ta' xoghol fil-komunita li kienu inghatawlu pendenti dawn il-proceduri. Pero, wara Ottubru 2014, huwa beda jonqos li jattendi ghall-appuntamenti mal-Ufficjal tal-Probation u fl-2015, qata' l-kuntatt ghal kollox. Fin-nota tieghu tas-16 ta' Marzu 2016, l-Ufficjal tal-Probation informa lill-Qorti li wara li l-imputat qata' ghal kollox l-kuntatt mieghu, huwa iddahhal il-habs taht arrest preventiv f'Lulju 2015 fuq akkuzi relatati ma' serq. Huwa inghata l-helsien mill-arrest f'Novembru 2015. Wahda mill-kundizjonijiet tal-helsien mill-arrest, kienet li Pace ried jikkompleta sa tmiemu b'success programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, partikolarment tad-droga kokaina, illi huwa jghid li qabad fiz-zmien meta ma kienx qed izomm kuntatt mal-Ufficjal tal-Probation.

Mix-xhieda ta' Jacqueline Zammit, Kap tal-Programm Santa Marija ta' Sedqa, jirrizulta li l-imputat beda programm maghhom f'Novembru 2015 u spicca l-programm b'success fi Frar 2017. Sussegwentement, huwa baqa' jattendi volontarjament ukoll l-gruppi tas-support wara li jintemm il-programm. Hija xehdet li l-imputat jixtieq jibda negozju tieghu, pero peress li ghandu kawzi pendenti, jibza jinvesti.[11]

L-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler ikkonkluda r-rapport verbali tieghu hekk: *"L-indikazzjonijiet huma li Pace qieghed jaghmel sforz sabiex jaghti certu ammont ta' stabbilita f'hajtu u dan deher car tul din l-ahhar sena. Ghaldaqstant, fil-prezent, Keith Pace jikkwalifika bhala kandidat idoneju ghal sentenza ta' servizz fil-kommunita."*[12]

---

[11] Ara xhieda ta' Jacqueline Zammit a fol. 213 *et seq.* tal-process.
[12] Ara fol. 188 *retro tal-process.*

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat issottometta li din il-Qorti m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva, u ghandha taghti opportunita ohra lill-imputat, biex l-isforzi tieghu ma jkunux saru ghal xejn. Dan jista' biss ifisser li skond id-difiza din il-Qorti ghandha taghti piena taht il-minimu preskritta mil-ligi, stante li bil-fatti specje tal-kaz odjern, is-subincizi (2) u (3) tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446[13] jipprojbixxu lil din il-Qorti milli tpoggi lill-hati taht sanzjoni komunitarja, fil-waqt li l-Artikolu 28A(7)(c)[14] jipprojbixxi lil din il-Qorti milli timponi sentenza sospiza. Konsegwentement, fil-fatti specje tal-kaz odjern, l-piena normali stabbilita mil-ligi hija dik ta' piena karcerarja effettiva ghal dawn l-imputazzjonijiet.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Rittmar Hatherly** et deciza fid-9 t'Ottubru 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[15] irriteniet hekk: *"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu* ***Principles of Sentencing*** *(Heinemann, London, 1979):*

*"The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited ... ... As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).*

---

[13] L-Artikolu 23(2) jippreskrivi illi: *"Bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tigi ttrattata ghar-reat li dwaru tkun tqeghdet taht probation b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun giet kondizzjonalment liberata, jew il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1)."*

L-Artikolu 23(3) jippreskrivi illi: *"Is-subartikolu (2) m'ghandux japplika meta r-reat maghmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata u li dwaru l-persuna sussegwentement tigi dikjarata hatja , jkun kontravvenzjoni jew ikun delitt ta' omicidju involuntarju, jew offiza involontarja fuq il-persuna, jew hsara involontarja fuq il-proprjetà."*

[14] L-Artikolu 28A(7)(c) jippreskrivi illi: *"Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ma ghandux isir f'xi wiehed mill-kazijiet li gejjin - ... ...*
*(c) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-Probation."*

[15] *Per Prim Imhallef Vincent* De Gaetano

Mis-suespost, jidher li l-imputat f'dawn l-ahhar sena u nofs qed jaghmel l-almu tieghu biex jitbieghed mit-triq tal-kriminalita, u jaghti ammont ta' stabbilita f'hajtu. Dan urieh anki bil-fatt li ghamel programm ta' hmistax (15)-il xahar ghar-riabilitazzjoni mid-droga. Il-Qorti, wara li irriflettiet fit-tul, hija tal-opinjoni li l-isforzi tal-imputat jisthoqqilhom li jigu inkoraggiti u li f'dan il-kaz jezistu cirkostanzi specjali u straordinarji ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, ghalfejn il-piena ghandha tkun taht *il-minimum* stabbilit mil-ligi, stante li piena karcerarja effettiva mhix idonea fic-cirkostanzi.

Madanakollu, l-Qorti hija tal-opinjoni li m'ghandhix taghti sempliciment sanzjoni komunitarja, imma ghandu jkun hemm piena karcerarja sospiza, sabiex sservi ta' deterrent ghall-imputat li jirritorna lura ghall-hajja kriminali.

Ghal fini tal-piena, il-Qorti ikkonsidrat ir-reat ta' hsara volontarja kontemplat fl-Artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali assorbit fir-reat aktar gravi ta' serq aggravat, stante li serva bhala mezz ghall-fini sabiex gie kommess l-istess reat ta' serq aggravat u dan ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-reati kontemplati fl-artikoli 9 u 10 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. issib lill-imputat mhux hati tar-reati kontemplati fl-artikoli 334(a), 94(1) u 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qed tilliberah minnhom;

3. wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 267, 269(d), 278(3), 279(b), 280(2), 325(1)(c) (kif kien fiz-zmien li sehh ir-reat), 49, 50, 289, 17(h), 31, 20 u 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati fl-istess artikoli, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. A tenur ta' l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza, il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien erba' snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Supervizzjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

5. In oltre a tenur tal-Artikolu 28G(1A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tqieghed il-hati taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita, kif imfisser fl-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi jaghmel xoghol bla hlas ghal tlett mitt (300) siegha f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess Ordni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

6. Il-Qorti wissiet lill-hati bi kliem car il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Supervizjoni jew jekk jonqos li jikkonforma ruhu mal-Ordni ta' Servizz fil-Komunita.

7. Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' tmin mija u wiehed u tmenin Euro u erba' centezmi (€881.04) – ekwivalenti ghas-somma ta' tlett mija u tmienja u sebghin Lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm378.23) - li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

8. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**Robert Bugeja**

**Magistrat** **Deputat Registratur**